MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2007

Numru. 561/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

**Alberta Amato ta' 22 sena, imwielda Pieta' nhar it-22 ta' Awissu 1985 bint Albert u Doreen nee' Spiteri residenti gewwa l-Habs Civili Kordin u detentrici tal-karta ta'l-identita bin-numru 434985(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Alberta Amato li permezz taghha hija giet akkuzata talli:

1. nhar il-5 ta' Gunju 2006 ghal habta tal-11:00a.m. minn gewwa l-inhawi tal-Gzira u tal-Pieta' u kif ukoll f'diversi bnadi fil-Gzejjer Maltin biex tikseb vantagg jew benficcju ghaliha jew ghall-haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlet

dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz, billi wahhlet licenzja falsifikata fuq mutur GBE898 billi wahhlitlu numru ta’ registrazzjoni JAG312 ai termini ta’l-artikolu 18, 185(2), 186 u 188 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. talli fl-istess zmenijiet u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni jew uzu mninn dokument iehor falsifikat billi uzat licenjza iffalsifikata, u dana ai termini ta’l-artikolu 187, 189 u 338(gg) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ta’l-artikoli 15, 16, 17, 18, 31 u 91 tal-Ordinanza dwar ir_regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta

3. talli ikkomettiet serq ta’ mutur bla numru tal-ghamla Piaggio (GBE898) ghad-dannu ta’ Andrew Formosa mill-Gzira bil-hsieb li taghmel uzu minn dana il-mutur u tirritornah lura u dana bi ksur ta’l-artikolu 288 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. talli fl-istess data, u hinijiet fl-inhawi tal-Gzira u tal-Pieta, bil-hsieb li taghmel uzu temporanju tal-mutur Piaggio saqet l-istess mutur minaghjr ma kellha il-kunsens tas-sid tieghu jew awtorita legittima ohra u dana bi skur ta’l-artikolu 24 tal-Kpaitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. talli fl-istess data, hinijiet fl-inhawi tal-Gzira u tal-Pieta saqet mutur Piaggio b’manjiera traskurata u perikoluza u dana bi skur ta’l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta

6. talli fl-istess data, hinijiet u fl-inhawi tal-Gzira u tal-Pieta’ saqet il-mutur PIaggio minghajr ma kellha licenzja tas-sewqan kurrenti mahruga mill-awtorita kompeteneti u kif ukoll saqet l-istess mutur minaghjr ma kellha licenzja kurrenti sabiex tintuza fit-toroq u dana bi ksur ta’l-artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta

7. talli fl-istess data, hinijiet u fl-inhawi tal-Gzira u tal-Pieta’ saqet il-mutur minghajr ma kienet koperta b’polza ta’l-assigurazzjoni ghal riskji fuq terzi persuni u dana bi ksur ta’l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta ma’l-imputata bhala li saret recidiva u dana wara li giet ikkundannata b’diversi sentenzi li saru definittivi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Il-Qorti hija ukoll gentilment mitluba titratta ma’l-imputata bhala li kissret il-kundizzjonijiet imposta fuqha mill-Onorabbli Qorti, u dana wara li ikkomettiet reat fil-perijodu ta’l-operat tas-sentenzi sospizi.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tat-2 ta’ April 2007, kif ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali tal-14 ta’ Gunju 2007 li permezz taghha giet annullata is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti stante illi l-proceduri segwiti minnha kienu irriti u nulli u kwindi l-atti regghu gew rinvinjati quddiem l-ewwel Qorti sabiex l-imputata terga’ titpogga fl-istat li kienet iimmedjatament wara li tressqet il-Qorti l-ewwel darba u qabel ma sar l-ezami taghha.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat l-ezami maghmul lill-imputata a fol.89 tal-process miinn fejn jirrizulta in-nuqqas ta’ oggezzjoni ta’l-imputata sabiex dana il-kaz jigi deciz minn dina l-Qorti bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali. (fol.89.)

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Settembru 2007, fejn il-partijiet qablu illi l-provi ma jergghux jinstemghu mill-gdid u li l-provi kollha li jinstabu in atti jibqghu validi ai fini ta’ dawn il-proceduri.

Semghet l-ammissjoni ta'l-imputata ghall-akkuzi kollha hlief ghal l-ewwel u it-tieni imputazzjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputata u dana anke wara illi l-Qorti tatha zmien sabiex tirrikonsidra l-istess.

Rat il-verbal tal-patteggjament li sar bejn il-partijiet u dana kif jirrizulta mill-verbal tat-12 ta' Settembru 2007.

Ikkunsidrat,

Illi ghar-rigward tat-tielet, ir-raba, l-hames, s-sitt u is-seba' imputazzjonijiet, il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputata ghar-rigward ta'l-istess, ma tistax hlief li issibha htija dwar dan fil-konfront ta'l-istess imputata.

Illi ghar-rigward ta'l-ewwel zewg imputazzjonijiet, ghandu jinghad illi mill-provi prodotti, dina l-Qorti ma thossx illi jirrikorru l-estremitajiet dettati mill-ligi dwar l-elementi tar-reati ta' dikjarazzjoni falza u falsifikazzjoni ta' dokumenti kif previsti fl-artikoli 185, 186, 187, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-provi jirrizulta illi l-imputata wahhlet tarka ta' registrazzjoni falza fuq il-mutur li hija serqet. Dana in-numru fil-fatt hija nizzlitu fuq bicca kartuna u wahhlitu mal-mutur fejn solitu ikun hemm it-tarka ta' registrazzjoni. Kien proprju dana illi gibed l-attenzjoni tal-ufficjali tal-pulizija li sussegwentement bdew bl-investigazzjonijiet taghhom li wasslu sabiex l-imputata titressaq il-Qorti bl-akkuzi odjerni. Semmai tista' tinstab htija taht id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 51 ta'l-Avviz Legali 476 ta'l-2004, li dwarhom madanakollu l-imputata ma hijiex qed tigi akkuzata. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti qieghda tillibera l-imputata mill-ewwel u it-tieni imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghha.

Illi ghar-rigward ta'l-imputazzjonijiet l-ohra, fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputata il-Qorti sejra tghaddi biex taghmel konsiderazzjonijiet biss dwar piena. Illi ghandu jinghad illi kemm mill-provi migjuba quddiem dina l-Qorti kif ukoll mill-fedina penali ta'l-istess imputata

jirrizulta illi l-imputata ghandha problema serja ta’ droga tant illi bhal issa hija tinstab ghaddejja minn programm ta’ riabilitazzjoni minn dana il-vizzju filwaqt li qed tiskonta piena karcerarja ghal reati ohra minnha kommessi. Jidher madanakollu illi l-imputata qabbdet dina it-triq ta’ delinkwenza u l-uniku tama illi il-Qorti tista’ tara ghar-riabilitazzjoni taghha tkun illi hija tiskonta piena karcerarja ghar-reati minnha komessi ghaliex hekk biss hija tkun tista’ tkompli issegwi dana il-programm ta’ riabilitazzjoni.

Illi finalment fid-dawl tas-sentenza esebita a fol.40 tal-process, jirrizulta ukoll illi l-imputata mhux biss hija recidiva, izda ukoll illi hija ikkomettiet dawna r-reati li dwarhom tinsab akkuzata matul il-perijodu operattiv tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta (Magistrat Savior Demicoli) tad-9 ta’ Mejju 2005, fejn l-imputata giet ikkundannata ghal perijodu ta’ tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin mid-data ta’ l-istess sentenza.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 185(2), 186, 187, 188, 189 u 288, 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikoli 15(1)(1A), 24 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 3(2)(a), (2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieghda tillibera lill-imputata mill-ewwel zewg imputazzjonijiet, izda issibha hatja tat-tielet, raba’ hames, sitt u seba’ imputazzjonijiet u tikkundannha ghal perijodu ta’ sitt xhur prigunerija. Inoltre l-Qorti qieghda tordna illi l-imputata tigi skwalifikata milli ikollha jew tikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.

Illi ghar-rigward tas-sentenza sospiza moghtija fid-9 ta’ Mejju 2005 minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli, il-Qorti fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u, wara li rat l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qieghda tordna illi l-perijodu operattiva ta’ dina s-sentenza jibqa’ l-istess u cioe’ ta’ tmintax-il xahar prigunerija sospizi

ghal tlett snin, liema perijodu ta’ tlett snin ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

Il-Qorti qieghda finalment taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex tul dana il-perijodu ta’ prigunerija huwa ikompli ighin lill-imputata odjerna fir-ri-abilitazzjoni taghha mill-vizzju serju tad-droga li tinsab fiha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------